# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-10 ta' Novembru, 2016.**

**Rikors Numru 1011/2011 SM**

**John Brincat**
**(I.D. 526757 M)**

**vs.**

**K.C.A. Plastics Limited**
**(C – 7901)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat iz-17 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu, r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi korra waqt li fis-26 ta' Frar, 2010, kien qieghed jahdem fuq inkarigu tas-socjeta` intimata fuq *"injection moulding machine"*;

1.2. Illi korra meta l-magna waqfet, u meta kien ser jispezzjonha biex jara x'gara, din regghet bdiet tahdem f'daqqa u hakmet id il-leminija tar-rikorrenti;

1.3. Illi l-operat tal-magna *de quo* kien jitlob li meta l-bieba tal-magna tkun miftuha din kellha tieqaf awtomatikament;

1.4. Illi rizultat tal-istess kien rikoverat l-isptar ghal erba' (4) gimghat;

1.5. Illi ghalhekk sofra danni konsistenti kemm f' *"damnum emergens"* u *"lucrum cessans"*;

1.6. Illi ghall-istess danni minnu sofferti tahti unikament is-socjeta` intimata *stante* li korra minhabba:

1.6.1. In-negligenza tal-istess socjeta`;

1.6.2. In-nuqqas t'osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega fil-qasam tal-harsien tas-sahha tal-haddiema;

1.6.3. Ma pprovdietx *"a safe system of work"*; u

1.6.4. Naqset li tizgura li l-magna in kwistjoni tkun sikura f'kull hin;

1.7. Illi *nonostante* li interpellata diversi drabi biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.8. Illi ghalhekk kien kostrett jadixxi din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.8.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi responsabbli ghall-korriment u ghad-danni konsegwenzjali li sofra r-rikorrenti fis-26 ta' Frar, 2010;

1.8.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opra ta’ periti *nominandi*;

1.8.3. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti d-danni kollha hekk likwidati;

1.8.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra s-socjeta` intimata;

2. Rat l-ordni ta’ din il-qorti diversament preseduta datat l-1 ta’ Novembru, 2011, li permezz tieghu stabbiliet l-ordnijiet procedurali li permezz taghhom kellhom jimxu l-kontendenti, (ara foll 5);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-3 ta’ Novembru, 2011, li permezz taghha rrispondiet sintetikament bil-mod segwenti:

3.1. Illi spetta lir-rikorrenti li jipprova t-talbiet tieghu fil-konfront tas-socjeta` intimata;

3.2. Illi s-socjeta` intimata ma tahtix ghad-danni subiti mir-rikorrenti *stante* li l-magna li fuqha allegatament korra r-rikorrenti hadmet tajjeb, ma saret l-ebda tiswija fuqha u ghada tajba sal-lum;

3.3. Illi r-rikorrenti jrid jipprova kif is-socjeta` intimata setghet tipprevedi, jew tevita l-allegat incident;

3.4. Illi jekk ir-rikorrenti seta’ jipprevedi jew jevita l-incident *de quo* hu xorta baqa` ghaddej bix-xoghol tieghu fuq il-magna u ghalhekk, hu stess ikkontribwixxa ghall-incident in kwistjoni;

3.5. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata ma tistax tinzamm responsabbli ghall-incident in dizamina;

3.6. Illi r-rikorrenti jrid igib prova tal-allegati danni subiti;

3.7. Salv risposti ulterjuri;

3.8. Bl-ispejjez;

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-12 ta' Dicembru, 2012, li permezz tieghu hatret lill-espert mediku hemm indikat, (ara foll 12 u 13);

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-27 ta' Marzu, 2012, li permezz tieghu, wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward, (ara foll 15 u 45), innominat lill-espert tekniku hemm indikat, (ara foll 46 u 47);

6. Rat l-ordni ta' trasferiment tal-kawza *de quo* datat l-20 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu l-kawza giet assenjata lil din il-qorti kif issa preseduta, (ara foll 62);

7. Rat ir-relazzjoni medika pprezentata fl-atti in dizamina tramite r-registru tal-qorti fil-25 ta' Mejju, 2012, (ara foll 66 *et sequitur*);

8. Semghet ix-xhieda tal-espert tekniku precedentement nominat, datata d-9 ta' Lulju, 2015, (ara foll 145), li permezz taghha pprezenta r-relazzjoni tieghu fl-atti ta' din il-procedura, (ara foll 92);

9. Rat id-digriet taghha datat l-20 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti, awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 158);

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-4 t'April, 2016, (ara foll 162), u dik tas-socjeta` intimata datata t-22 ta' Gunju, 2016, (ara foll 173), li ghalkemm tardiva, l-kontroparti m'oggezzjonax ghall-istess, (ara foll 172);

Ikkunsidrat:

11. Illi l-kawza odjerna tikkoncerna l-incident li sehh fis-26 ta' Frar, 2010, fejn ir-rikorrenti tilef il-pala t'idu l-leminija;

13.0. Illi l-fatti saljenti fir-rigward kif esposti mir-rikorrenti jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

13.1. Illi kien impjegat tas-socjeta` intimata u kien jahdem fuq *"plastic moulding machine"* li taghmel l-iskorfini jew tappijiet, (ara foll 17);

13.2. Illi xoghol ir-rikorrenti fir-rigward kien jikkonsisti f'li jixghel il-magna, jara li tahdem u jaghtiha l-materjal fil-forma ta' frak, (ara foll 17);

13.3. Illi l-magna tithaddem b'mod semi-awtomatiku ghal ftit sekondi sakemm il-process jibda jahdem tajjeb, (ara foll 17);

13.4. Illi l-frak moghti lill-magna jigi imdewweb biex jigu ffurmati l-forom, (ara foll 17);

13.5. Illi sussegwentement, wara ftit sekondi l-operatur jaqleb l-operazzjoni tal-magna biex tibda tahdem b'mod kompletament awtomatiku, (ara foll 17);

13.6. Illi meta xi forma minn dawk li jkunu qed jigu prodotti tehel, l-operatur tal-magna iwaqqafha, jiftah il-bieba ta' sikurezza li fiha, u jdahhal idu biex inaddaf il-magna minn dak il jkun wehel fiha, (ara foll 17);

13.7. Illi l-operazzjoni deskritta fil-paragrafi precedenti ssir spiss – xi ghoxrin (20) darba f'gurnata, (ara foll 17);

13.8. Illi l-incident in dizamina gara bl-istess mod fuq deskritt, wara li r-rikorrenti kien ilu jahdem fuq il-magna *de quo* bejn tlieta (3) jew erbgha (4) sieghat, (ara foll 17);

13.9. Illi meta r-rikorrenti ra li kien wehel xi materjal u xeghel il-bozza tas-sigurta` li kienet tindika li l-magna waqfet, fetah il-bieba tas-sigurta` biex jelimina l-materjal li kien wehel, (ara foll 17);

13.10. Illi meta jkun hemm din il-bieba miftuha il-magna qatt ma tahdem, (ara foll 17);

13.11. Illi pero` f'din l-okkazzjoni partikolari waqt li r-rikorrenti kien b'idejh il-leminija fil-magna jnehhi l-materjal, il-magna bdiet terga tahdem, (ara foll 18);

13.12. Illi ghalkemm ir-rikorrenti irnexxielu jigbed idu 'l barra il-magna xorta qabditlu s-swaba kollha t'idu l-leminija u l-pala ta' l-id; (ara foll 18);

13.13. Illi f'dak il-mument ir-rikorrenti tefa' l-magna minn *"switch"* apposta li waqqaf il-magna immedjatament, (ara foll 18);

13.14. Illi fil-pront kollegi tieghu illiberawh mill-magna u haduh l-isptar, (ara foll 18);

13.15. Illi l-isptar dam sitt (6) gimghat u kien operat darbtejn, (ara foll 18);

13.16. Illi wara li r-rikorrenti kien gie rilaxxat mill-isptar jirrizulta li ghamel tliet (3) operazzjonijiet ohra, (ara foll 18);

13.17. Illi sussegwentement kien ukoll ghalhekk suggett ghal terapija doloruza kuljum, (ara foll 18);

13.18. Illi llum r-rikorrenti ghadu impjegat mal-istess kumpanija ghalkemm gie assenjat jaghmel xoghol iehor, (ara foll 19);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi skont ir-relazzjoni tal-espert mediku nominat kif fuq indikata irrizulta sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi r-rikorrenti sofra griehi f'idejh il-leminija li affettwaw is-subgha l-werrej, is-subgha tan-nofs, u s-subgha z-zghir, (ara foll 71);

14.2. Illi l-id il-leminija tar-rikorrenti hi l-id dominanti tieghu, (ara foll 71);

14.3. Illi l-griehi indikati kienu rizultat tal-incident hawn in dizamina li sehh fis-26 ta' Frar, 2010, (ara foll 71);

14.4. Illi rizultat tal-istess ir-rikorrenti baqa' b'difett fil-moviment tas-swaba fuq indikati, (ara foll 71);

14.5. Illi effett tal-istess ir-rikorrenti: (ara foll 71)

14.5.1. Ma jistax iharrek idu l-leminija b'mod normali;

14.5.2. Ma jistax jaghmel ponn bl-istess id;

14.5.3. Ma jistax jaghmel movimenti fini biha bhal per ezempju jaqfel buttuni ta’ qmis;

14.5.4. Ma jistax jerfa’ oggetti biha;

14.5.5. Mhix ta’ wisq uzu ghar-rikorrenti;

14.6. Illi rizultat tal-istess id-dizabilita` permanenti minhabba n-nuqqas ta’ funzjoni fl-id il-leminija tar-rikorrenti giet valutata fi zbatax fil-mija, (17%);

Ikkunsidrat:

15. Illi peress li m’ghandiex ragunijiet ghaliex m’ghandiex tistrieh fuq l-istess relazzjoni tal-espert mediku in dizamina, din il-qorti tiddikjara li qed taghmel taghha l-istess konkluzjonijiet hemm inkluzi u fuq elenkati;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi skont ir-relazzjoni tal-espert tekniku nominat kif fuq indikat jirrizulta sintetikament is-segwenti:

16.1. Illi l-magna in dizamina ghandha sistema ta’ protezzjoni li meta tiftah il-bieba tas-sigurta` il-funzjoni tal-magna tieqaf immedjatament, (ara foll 100);

16.2. Illi l-bieba indikata fil-paragrafu precedenti thaddem tliet (3) *“switches”* ta’ protezzjoni fejn: (ara foll 100)

16.2.1. Tnejn (2) mis-*“switches”* jahdmu fuq is-sistema tal-*“electrical control circuit”*;

16.2.2. Is-*“switch”* l-iehor jahdem dirett fuq is-sistema tal-*“hydraulic”*;

16.3. Illi s-*“switches”* indikati fil-paragrafu precedenti kienu ezaminati diversi drabi mill-ufficjal tal-Awtorita` tas-Sahha

u s-Sigurta` u mill-espert tekniku *de quo* u kull darba hadmu kollha minghajr problema, (ara foll 100);

16.4. Illi l-istess hadmu: (ara foll 100)

16.4.1. Kemm meta l-magna tkun fuq *"automatic"*;

16.4.2. Kemm meta l-istess tithaddem manwalment;

16.5. Illi l-mod kif ir-rikorrenti spjega li sar l-incident "...qatt ma seta' kien possibbli u dan zgur ma sehhx", (ara foll 101);

16.6. Illi l-magna baqghet tintuza b'mod regolari sa minn ftit granet wara l-incident minghajr ma giet sottomessa ghall-modifikazzjonijiet jew tiswijiet, (ara foll 101);

16.7. Illi anke l-Awtorita` tas-Sahha u Sigurta` kienet konvinta li l-magna in dizamina ma setghetx tiffunzjona hazin *stante* li kieku kienu jaghtu struzzjonijiet biex il-magna ma tintuzax, (ara foll 101);

16.8. Illi biex il-*"perspex"* tinqala minn postha tiehu certu hin u b'hekk ma nqalghatx fil-gurnata tal-incident, (ara foll 101);

16.9. Illi mhux car jekk il-*"perspex"* kienitx f'postha fil-gurnata tal-incident, (ara foll 101);

16.10. Illi ghalhekk ir-responsabbilita` ghall-incident ghandha tinqasam bejn ir-rikorrenti u s-socjeta` intimata, (ara foll 101);

Ikkunsidrat:

17. Illi f'dan il-kaz ukoll, peress li m'ghandiex ragunijiet ghaliex m'ghandiex tistrieh fuq l-istess relazzjoni tal-espert tekniku in dizamina, din il-qorti tiddikjara li qed taghmel taghha l-istess konkluzjonijiet hemm inkluzi u fuq elenkati;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilita` ghall-incident in dizamina wiehed ghandu necessarjament jirrikorri ghad-direzzjoni statutorja naxxenti mill-artikli 1031 sa 1033 tal-Kodici Civili li sintetikament jistabblixxu s-segwenti:

18.1. Wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri htija tieghu;

18.2. Hu responsabbli ghal ghemilu kull min ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja;

18.3. Wiehed iwiegeb ghall-responsabbilita` t'ghemilu kemm- il darba jkun hemm disposizzjoni espressa tal-ligi fir-rigward u b'hekk mhux il-kaz li jaghmel tajjeb ghall-hsara ikkawzata minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza, jew ta' hsieb, fi grad akbar;

18.4. Illi ghalhekk wiehed ikun obbligat ihallas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk;

Ikkunsidrat:

19. Illi fost numru ta' legislazzjoni sussidjarja promulgata bis-sahha tal-Att XXVII tas-sena 2000, (Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta), kien ukoll ippubblikat l-Avviz Legali Numru 36 tal-2003 – Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol;

20. Illi f'dan il-qafas l-istess Kap indikat fil-paragrafu precedenti jemfasizza li:

> "4(1) Il-protezzjoni tas-sahha u tas-sigurta` fuq il-postijiet tax-xoghol ghandha titqies bhala materja ta' interess pubbliku";

21. Illi min ihaddem ghandu l-obbligu tal-prevenzjoni ta' hsara ghall-haddiema impjegati mieghu;

22. Illi fil-fatt, l-artiklu 6(1) tal-istess Kap 424 jistipula is-segwenti:

“Min ihaddem ghandu dejjem jizgura s-sahha u s-sigurta` tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir ghal dik il-persuna li thaddem”;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi fir-rigward issir referenza ghall-gurisprudenza lokali segwenti li jenfasizzaw l-istess legislazzjoni fuq citata:

23.1. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Raymond Psaila vs Pisciculture Marine de Malte Limited***, datata id-***29 ta' Settembru, 2011***, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** tissottolinea l-istess bil-mod segwenti:

“Hija regola ohra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imghallem irid jizgura li jipprovdi lill-haddiema tieghu b'sistema xierqa ta' harsien minn kull periklu, (dak li bosta jsejhulu *“a safe system of work”*), fejn ikun sejjer isir ix-xoghol minnu mitlub. Fid-dritt dan id-dmir igorr mieghu grad gholi ta' responsabbilita` fuq l-imghallem, u jaqa' fuqu l-piz li jipprova li l-incident ikun sehh minkejja li jkun hares dak kollu li l-ligi tistenna minnu f'dan ir-rigward”;

24. Illi minkejja s-suespost, dan ma jfissirx li hemm responsabbilita` oggettiva fir-rigward fuq min ihaddem;

25.0. Illi f'dan ir-rigward l-*iter* li bih trid tigi determinata r-responsabbilita` ghall-hsara riskontrata jikkomprendi l-passi segwenti:

25.1. Illi min ikorri jrid l-ewwel jipprova li effettivament kien hemm nuqqas ta' mizuri li jikkoncernaw it-tharis tas-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol;

25.2. Illi stabbilit dan, ikun irid jigi ipprovat min kienet il-persuna responsabbli ghal dan in-nuqqas fit-tharis tal-mizuri koncernanti;

25.3. Illi biex wiehed jiskolpa lilu nnifsu ghandu imbaghad juri:

25.3.1. Jew li kien hemm forza magguri;

25.3.2. Jew li kien hemm traskuragni min-naha tal-haddiem involut;

26. Illi kif qalet il-***Qorti tal-Appell (Superjuri)***, fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Felix Xerri vs. Beechwood Limited***, datata t-***3 t'April, 2009***:

> "Ghar-rigward tal-principji li jirregolaw il-materja, din il-qorti, tirribadixxi li, filwaqt illi l-gurisprudenza tal-qrati taghna timponi obbligi severi fuq min ihaddem biex jassigura *"a safe environment"* fuq il-post tax-xoghol u li dan jipprovdi l-mezzi kollha necessarji u mehtiega biex tigi salvagwardata l-inkolumita` tal-haddiema tieghu fuq il-lant tax-xoghol, dan ma jwassalx ghall-kuncett ta' *"strict liability"* ta' min ihaddem, u l-impjegat li jwegga' fuq ix-xoghol huwa obbligat li jipprova li l-incident sehh b'responsabbilita` ta' min ihaddem. Lanqas ma jista` jinghad li tezisti xi prezunzjoni jew, kif sejhitilha l-ewwel qorti, "kwazi prezunzjoni", ta' responsabbilita` ta' min ihaddem kull meta jsehh incident li fih iwegga' haddiem. Hu obbligu tal-haddiem li juri u jipprova li l-incident sehh konsegwenza ta' nuqqas ta' min ihaddem, partikolarment li jkun injora xi obbligu impost fuqu bil-ligi jew bil-gurisprudenza *"in subjecta materia"*;

Ikkunsidrat:

27. Illi bhala kontra-piz ghas-suespost pero` jinghad ukoll li anke l-haddiem ikkoncernat jista' min-naha tieghu ikun negligenti f'xogholu u ghalhekk ikun proprju hu li jkun responsabbli ghall-korriment minnu subit jew tal-anqas, li ikkontribwixxa ghalih;

28. Illi in effetti, l-artiklu 7(1) tal-Kap 424 fuq gia` indikat jistabbilixxi dan bi kjarezza meta jafferma li:

> "Huwa d-dmir ta' kull haddiem li jissalvagwardja s-sahha u s-sigurta` tieghu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni ohra li jistghu jigu effettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir";

Ikkunsidrat:

29.0. Illi stabbiliti l-principji fuq elenkati jsiru s-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward tal-fatti fuq ukoll sintetikament esposti:

A. Rigward ir-**Responsabbilita` tas-Socjeta` Intimata**:

29.1. Illi a bazi tal-artiklu 6(1) tal-Kap 424 in dizamina, (ara paragrafu numru tnejn u ghoxrin (22) aktar qabel), kien l-obbligu imprexindibbli tas-socjeta` intimata li tizgura s-sahha u s-sigurta` tal-impjegati kollha taghha;

29.2. Illi ghal dak li jirrigwarda l-magna in dizamina il-perit tekniku nominat jirrileva li din setghet tithaddem bi tliet (3) modi, senjatament:

29.2.1. B'mod awtomatiku;

29.2.2. B'mod semi-awtomatiku; u

29.2.3. B'mod manwali, (ara foll 95);

29.3. Illi l-magna *de quo* kellha sistema ta' protezzjoni li meta tinfetah il-bieba taghha din il-magna tieqaf tahdem immedjatament, (ara foll 95);

29.4. Illi skont l-istess espert tekniku, biex operatur tal-magna jkun jista jdahhal idejh fejn hemm il-forma tal-magna, dan irid l-ewwel jiftah il-bieba tal-*perspex* u dan il-ftuh iwaqqaf is-sistema idrawlika tal-magna u b'hekk din tieqaf kompletament, (ara foll 95);

29.5. Illi *di piu`*, l-istess magna ghandha wkoll sistema ta' kontrolli elettrici konsistenti f'zewg (2) swiccijiet indipendenti minn xulxin li meta imqar wiehed minnhom ikun miftuh ghax il-bieba ma tkunx inghalqet tajjeb is-sistema kollha tal-magna ma tahdimx, (ara foll 97);

29.6. Illi ghalhekk jirrizulta li l-magna in dizamina ghandha tliet (3) swiccijiet ta' protezzjoni:

29.6.1. Tnejn (2) jahdmu fuq sistema elettrika; u

29.6.2. Iehor jahdem fuq sistema idrawtika;

29.7. Illi dawn is-swiccijiet jahdmu b'mod indipendenti minn xulxin biex jekk wiehed ifalli, l-ohrajn ma jigux effettwati, (ara foll 97);

29.8. Illi *nonostante* li l-espert tekniku nominat effettwa sensiela ta' testijiet fuq dawn is-sistemi ta' protezzjoni, (effettivament ghaxar testijiet, (ara foll 98), irrizultalu li kull darba li saru dawn u fetah il-bieba ta' protezzjoni – anke bi ftit – il-magna dejjem waqfet, (ara foll 97);

29.9. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li l-elementi ta' sigurta` insiti fil-magna in kwistjoni irrizultaw li kienu jahdmu perfettament, (ara foll 97);

29.10. Illi in vista tal-istess l-espert tekniku ikkonkluda li l-incident in dizamina seta' jsehh biss f'zewg (2) possibiltajiet, (ara foll 97);

29.10.1. Jew li l-*perspex* tal-bieba ma kienitx f'postha;

29.10.2. Jew li t-tliet (3) swiccijiet ta' protezzjoni fuq indikati waqfu jahdmu t-tlieta (3) f'daqqa;

29.11. Illi pero` sussegwentement l-istess espert tekniku jikkonkludi li din l-ahhar ipotesi elenkata fil-paragrafu precedenti mhix possibbli, (ara paragrafu numru 12 tar-relazzjoni tieghu a foll 101);

29.12. Illi jirrizulta li wara l-ispezzjonijiet taghhom anke l-haddiema tal-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-post tax-Xoghol ikkonkludew li ma kien hemm xejn x'jindika li l-magna kienet difettuza, (ara foll 99, 122 u 137);

29.13. Illi l-espert relatant jispjega s-segwenti, (ara foll 99 u 100):

"Mill-access li ghamel ir-relatant jirrizulta li huwa ra l-magna tahdem u huwa stess ikkonstata li meta tiftah il-bieba tas-*safety* il-magna tieqaf tahdem immedjatament, saret spezzjoni tas-*"safety switches"*

u dawn kienu ta' tip robust – *"heavy duty"* – u li ma kienx jidher li kien fihom hsara. Is-*"switch"* l-iehor li jiccekkja jekk il-bieba tas-*"safety"* hix maghluqa huma tat-tip *"proximity"* cioe`, ma ghandhomx partijiet li jiccaqalqu u ghalhekk difficli tbabsu;

"Il-perit innota li l-forma tal-magna tiehu 4 sekondi biex taghlaq sezzjoni ma' ohra u dan ifisser li l-moviment huwa bil-mod hafna;

"Il-perit gie moghti kopja tas-*"circuit"* u wara li ezamina dan is-*"circuit"* jista' jikkonferma li t-tliet (3) *"switches"* qeghdin f'sezzjonijiet differenti tal- *"control circuit"* u ghalhekk mhux possibbli li jigu maqbuza flimkien biex ma jahdmux is-*"safeties"*. Ukoll jekk xi parti tas-*"safety circuit"* ma tahdimx din ma tinvolvix it-tliet (3) *"safety switches"*, u ghalhekk, ma jistax ikun li s-*"circuit"* ma tahdimx ghax xi parti mis-*"circuit"* ma jiffunzjonax tajjeb";

29.14. Illi fir-relazzjoni tieghu l-istess espert tekniku jikkonkludi li biex il-*"perspex"* protettiva tinqala' minn postha din tiehu certu hin u ghalhekk stabbilixxa li din inqalghet qabel il-gurnata tal-incident, (ara foll 101);

29.15. Illi fix-xhieda guramentata tieghu l-istess espert tekniku jispjega s-segwenti: (ara foll 160)

"L-uniku mod li seta' sehh l-incident mertu ta' din il-kawza kien illi l-*"perspex"* ma kienitx f'postha. Allura dan il-fatt kien jaghti access lill-operatur, f'dan il-kaz lir-rikorrenti Brincat, li jdahhal idejh fil-magna. Il-*"perspex"* hija parti minn dik li qed insejhu bieba li ma thallix li operatur idahhal idejh fil-magna biex ma jkunx jista' jwegga waqt li qed jahdem";

29.16. Illi hu proprju rizultat tas-suespost li l-espert tekniku *de quo* japporzjona r-responsabbilita` ghall-incident in dizamina bejn il-partijiet billi jaqsamha bejn ir-rikorrenti u s-socjeta` intimata, (ara paragrafu numru 23 a foll 101), *stante* li incident mertu ta' din il-procedura sehh ghaliex ir-rikorrenti dahhal idejh fil-magna mill-parti tal-bieba fejn kien hemm il-*"perspex"* protettiv nieqes biex b'hekk ikun

jista' jaqla' l-plastik li kien wehel fl-istess magna meta din kienet qed tahdem;

29.17. Illi in vista tal-premess jirrizulta pacifiku li l-istess rikorrenti ikkontribwixxa ghall-incident in kwistjoni hawn ezaminat;

Ikkunsidrat:

30.0. Illi rigward tal-**Likwidazzjoni tad-Danni** jinghad sintetikament is-segwenti:

A. **"Lucrum Cessans"**

30.1. Illi skont id-dokumenti annessi a foll 30 sa 35 dan jammonta komplessivament ghal seba' mija u sittin euro u wiehed u tletin centezmu, (**€760.31**);

30.2. Illi il-paga percepita fil-mument tal-incident *de quo* kienet ta' ghaxart elef tliet mija u wiehed u tmenin euro, (**€10,381.00**), (ara foll 29);

B. **"Damnum Emergens"**

30.3. Illi d-dizabilita` permanenti hi stabbilita mill-espert mediku nominat *in atti* fil-livell ta' sbatax fil-mija, (17%), (ara foll 72) li din il-qorti taghmel taghha in difett tal-kontradittorju;

C. **"Multiplier"**

30.4. Illi fil-mument tal-incident ir-rikorrenti kellu 52 sena, (ara karta tal-identita` a foll 21 u foll 17);

30.5. Illi a bazi tal-insenjament tal-***Qorti tal-Appell*** fis-sentenza fl-ismijiet ***James Spiteri vs. Joseph Magro et*** datata l-***5 ta' Dicembru, 2014***, qieghed hawn jigi adottat *"multiplier"* ta' hdax- (11) il sena;

D. **"Lump Sum Payment Reduction"**

30.6. Illi l-procedura odjerna giet intavolata fiz-17 t'Ottubru, 2011, (ara foll 1);

30.7. Illi l-istess ser tigi deciza fl-10 ta' Novembru, 2016, (ara foll 172);

30.8. Illi ghalhekk jirrizulta li din il-procedura ser tigi deciza in *prim' istanza* hames (5) snin wara li nbdiet;

30.9. Illi f'dan ir-rigward il-***Qorti tal-Appell***, fil-kaz fl-ismijiet ***Annunziata sive Nancy Caruana vs. Odette Camilleri*** datat is-***27 ta' Frar, 2004***, sostniet is-segwenti:

> "Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment* id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi intavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhhu l-incident ukoll relattiv";

30.10. Illi f'dan ir-rigward ukoll, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili***, fil-kaz fl-ismijiet ***Joseph Agius vs. All Services Limited***, deciza fit-***2 ta' Gunju, 2005***, irriteniet is-segwenti:

> "...f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa, (*"lump sum payment"*), lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza";

30.11. Illi rizultat tal-premess allura t-tnaqqis ghandu jkun t'erbatax fil-mija, (**14%**);

E. **"L-Apporzjonament tad-Danni"**

30.12. Illi *stante* li r-responsabbilita` ghall-incident giet apporzjonata b'mod ugwali l-ammont ta' danni hekk rizultanti ghandu jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet;

Ikkunsidrat:

31. Illi in vista tal-premess il-kwantum komplessiv involut ghandu jinhadem bil-mod segwenti:

**€10,381.00 x 17% x 11 – 14% + € 760.31 ÷ 2**

32. Illi allura:

€10,381 x 17% x 11 = €19,412.47 – 14%

€19,412.47 - €2,717.14 (14%) = €16,694.73

€16,694.73 + €760.31 = €17,455.04

€17,455.04 ÷ 2 = **€8,727.52**

Ikkunsidrat:

33.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprova l-kaz tieghu fil-limiti fuq elenkati u li s-socjeta` intimata wkoll ipprovat ir-risposti taghha fil-limiti fuq ukoll esposti, u konsegwentement:

**DECIDE:**

33.1. Tiddikjara li r-responsabbilita` ghall-incident in dizamina u ghall-korriment rizultanti soffert mir-rikorrenti hu inkombenti fuq iz-zewg partijiet kontendenti b'mod ugwali;

33.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti bil-mod fuq deskritt fl-ammont ta' tmint elef, seba' mija u seba' u ghoxrin euro u tnejn u hamsin centezmu, (€8,727.52);

33.3. Tikkundanna lis-socjeta` rikorrenti biex thallas lir-rikorrenti l-ammont komplessiv ta' tmint elef, seba' mija u seba' u ghoxrin euro u tnejn u hamsin centezmu, (€8,727.52);

33.4. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura jinqasmu ugwalment bejn il-kontendenti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**